# LIL NINU CREMONA

*Ta'* ALFRED M. PREVI, O.P.

X'ħin kont qed nara l-jum inin fl-għaxija,
U l-lejl qed joqrob biex bi star sewdien
Lill-ħlejjaq joftom minn kull ġmiel, kull dija,
Il-ħajja mietet, u ġo moħħi ġieni

Il-ħsieb ta' dawk li ntemmu qabli u baqa'
Il-baħħ biss ta' ħajjithom. Imma lilek
It-tmiem ma jtemmek qatt, għax mhix ser taqa'
Il-ħajja li int stess kont bnejt b'għemilek.

Il-ħsieb li tnissel f'qalbek miż-żgħożija
Saħħaħlek u herrielek ħajtek kbira,
Għax inti bnejt isimha, biex Maltija

Tkun Malta b'ilsien Malti, mhux ilsira
Ta' ilsna barranin. Min bħalek Nin
Jgħix biss għal Malta, ħajtu qatt ma tmin.

Rabat, 3. 5. 60.